*Incident Stradali – attendibilita` tax-xhieda;*
*Artikoli 1032 u 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Artikolu 20 u 21 tal-Highway Code*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 3**

**Citazzjoni Numru 590/01 TA**

**Carmelo Sciberras**

**vs**

**Pierguido Saliba**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur Carmelo Sciberras prezentata u minnu mahlufa fid-9 ta' April 2001 li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:

> "Peress fis-17 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tas-saghtejn u hamsin minuta (14:50) gewwa Triq Dun Karm gewwa B'Kara l-attur safa mtajjar bil-mutur tal-marka Mastiff bin-numru ta' registrazzjoni RPR660 li kien qed jigi misjuq mill-konvenut Pierguido Saliba;
>
> Peress illi f'dan l-incident l-attur korra serjament u b'mod permanenti u sofra danni kif jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi ghal dan l-incident u l-konsegwenzjali danni li garrab l-attur jahti unikament il-konvenut minhabba li fis-sewqan tieghu kien, perikoluz, negligenti, imprudenti u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku.

Peress illi l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur huwa baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li, b'konsegwenza tal-istess incident, garrab l-attur.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-incident kontra l-konvenut li min issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Pierguido Saliba prezentata minnu u mahlufa fil-21 ta' Mejju 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident in kwistjoni gara proprju minhabba negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur stess.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ukoll it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:-

"Peress illi fis-17 ta' Dicembru 2000 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11.30 am) gewwa Triq Dun Karm, f'B'Kara waqt li l-esponent kien qed isuq il-mutur tieghu numru registrazzjoni RPR-660 safa involut f'incident, liema incident gara hekk kif l-attur qabad u qasam it-triq minghajr ebda kaz jew attenzjoni ta' l-esponenti li kien ghaddej fl-istess triq dak il-hin.

Peress illi l-incident in kwistjoni gara tort unikament ta' l-attur stess minhabba negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Peress illi l-konvenut sofra danni konsiderevoli fil-mutur tieghu numru ta' registrazzjoni RPR-660 bhala konsegwenza ta' l-imsemmi incident.

Jghid l-attur in vista tal-premess, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni kagjonati minnu b'rizultat ta' l-istess incident;

3. tikkundannah ihallas dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez u interessi legali."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghat-talba rikonvenzjonali prezentata fit-30 ta' Mejju 2001 u mahlufa fid-29 ta' Mejju 2001 li permezz taghha eccepixxa is-segwenti:

"1. Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi ghall-incident li sehh fis-17 ta' Dicembru 2000 fi Triq Dun Karm, B'Kara huwa esklussivament responsabbli l-istess konvenut u l-istess incident sehh minhabba sewqan perikoluz, negligenti, imprudenti u traskurat u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku min naha tal-istess konvenut.

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu illi l-istess konvenut garrab xi hsarat u danni fil-mutur tieghu fl-istess incident.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu

l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat is-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-15 ta' Gunju, 2010;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti jirrigwardaw incident stradali, li sehh fis-17 ta' Dicembru 2000, fejn l-attur safa' imtajjar mill-konvenut li kien qieghed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni RPR-660. L-incident inkwistjoni sehh ghall-habta tal-11.50am fi Triq Dun Karm gewwa B'Kara maghrufa ukoll bhala l-Bypass ta' B'Kara.

**2.** L-attur u l-mara tieghu kienu qeghdin fil-harga taghhom meta ddecidew li jaqsmu it-triq. Kienu lahqu qasmu sa fuq is-*central strip*. L-attur iddecieda li jaqsam ghan-naha l-ohra tat-triq fuq in-naha ta' San Gwann

meta l-mutur kien diga' jintlemah. Minn naha tieghu l-konvenut kien ukoll lemah lill-attur u lil martu fuq is-*central strip*.

**3.** Meta l-attur iddecieda li jaqsam kien diga` wasal sal-bankina l-ohra hekk kif intlaqat mill-konvenut. Prova ta' dan, il-presenza tad-demm taht il-bankina, fuq il-bankina u anke mal-hajt tal-banika. F'xi mument qabel ma qasam, il-mara tieghu kienet inqalatilha xi zarbuna minn saqajha u ghalhekk ma qasmitx it-triq ma' zewgha.

**4.** F'xi hin minnhom, il-konvenut gibed il-mutur minn fuq il-karreggjata ta' barra ghal dik ta' gewwa fejn sehh l-incident li halla lill-attur gravament ferut. L-attur jinsisti li l-incident inkwistjoni sehh tort tal-konvenut, filwaqt li dan tal-ahhar jinsisti bil-kuntrarju, tant li pprezenta kontro-talba ghad-danni li sofra fil-mutur tieghu.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**5.** Bhal f'kull kaz iehor ta' din ix-xorta, l-azzjoni li qed tkun esperita mill-kontendenti kontra xulxin hija imsejsa fuq l-artikoli 1032 u 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi ghad-danni kawzati kif imsemmi f'artikolu 1045 tal-istess Kap.

**6.** Fis-semplicita` legali tal-argument, din il-Qorti trid tiskopri ta' min kienet il-htija ta' dan l-incident, jekk kienx hemm xi fatturi kontributorji ai termini tal-artikolu 1051 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tillikwida d-danni.

## **Konsiderazzjonijiet**

*Il-kawza tal-Attur*

**7.** Din il-kawza tiddependi fuq liema miz-zewg verzjonijiet tal-kontendenti hija l-aktar verosimili u attendibbli u dan abbinat ma' fatti cirkostanzjali ohra li jiccirkondaw l-incident stradali mertu tal-kawza.

**8.** L-incident sehh fi triq li ma tantx hija amikevoli ghal dawk li jkunu jridu jaqsmu bil-mixi minn naha wahda tat-triq ghall-ohra. Jrid jigi nnutat, li l-mezzi pedonali tul din it-triq huma skarsi u mbeghda minn xulxin. B'dan ma jfissirx li min irid jaqsam din it-triq jista' jiehu riskji li altrimenti ma humiex permessi fil-ligi

**9.** F'xi hin l-attur kien wasal san-naha l-ohra tat-triq tant kif jirrizulta d-demm li hareg mill-feriti li sofra li nstab taht il-bankina, fuqha u anke mal-hajt taghha (ara xhieda a fol. 68 ta' Charles Grima). L-incident sehh, meta l-konvenut minn naha tal-karreggjata ta' barra, qaleb ghal fuq dik ta' gewwa. Dan jinsisti li kien l-attur li dahal fih u mhux bil-kuntrarju.

**10.** Il-konvenut jixhed li "meta rajtu wieqaf u dan f'nofs il-karreggjata tal-lemin, ihares lura u jitkellem mal-persuna lura, li imbaghad sirt naf li kienet martu, rajtu ma jipprocediex u qlibt ghall-*lane* ta' gewwa tax-xellug u pprocedejt bil-mod". Jerga' jirrepeti din il-verzjoni a fol 112 tal-process u cioe`: "Meta rajtu qieghed ikellem lill-mara, minhabba ragunijiet ta' *safety*, ghax kien hemm karozzi ohra warajja, jiena qbadt u ergajt tajt daqxejn gass biex naqla'".

**11.** Din il-verzjoni tal-konvenut giet ukoll ikkonfermata minn Susan Saliba (a fol 124) il-*pillion passenger* meta qalet hekk: "... ... ir-ragel li kien qed jaqsam. Waqaf u il-mutur qiesu rega' zied tikka speed. F'hin minnhom pero`, xhin konna wasalna hdejh daqsxejn mhux hazin vicin ir-ragel, ta' qisu girja f'salt ... ... u dahal go fina."

**12.** Qabel ma sehh l-incident il-mara tal-attur hargitilha z-zarbuna. Mhux biss kienu hadu r-riskju li jaqsmu minn post li huwa perikoluz, meta xi mija u hamsin jarda 'l boghod kien hemm *pedestrian crossing*, talli kellu jinqala' dan l-incident taz-zarbuna biex jikkomplikaw l-affarijiet ghall-attur.

**13.** Dak li stqarr il-konvenut *a tempo vergine* mal-Pulzija (ara rapport a fol 27) huwa konformi ma' dak li xehed f'din il-kawza. Di fatti l-Pulzija li ghamel dan ir-rapport nizzel hekk kwantu jirrigwarda dak li qal il-konvenut: "*Driver stated that he was proceeding through Dun Karm Street towards University Heights when at one instance he noticed two persons on the central strip.*

*Suddenly the male person decided to cross and noticing this he swerved to the left on the other side of the road. Apparently, the pedestrian that who was crossing started to hesitate and then suddenly he decided to continue crossing. The driver applied the brakes, skidded and hit the pedestrian to the ground*." L-attur dejjem kien konsistenti f'din il-verzjoni tal-mekkanika tal-incident.

**14.** Minn naha l-ohra l-konvenut u martu jichdu li kellmu lil xulxin waqt li l-attur kien qieghed jaqsam it-triq u jichdu ukoll, li l-attur f'xi hin waqaf. Fix-xhieda taghha fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2004 (a fol 97) fuq mistoqsija jekk kienitx qaltlu biex ma jaqsamx, kategorikament twiegeb: "Le ma ghedtlux hekk." Izda minn naha l-ohra jirrizulta mod iehor minn dak li stqarret mart l-attur mal-Pulizija (a fol 29) u cioe`: "*Witness recalls only that she heard Sciberras Carmelo telling her to cross but on commencing this manoeuvre one of her shoes slipped out and had to turn back. Than all she noticed was Carmelo Sciberras on the ground*." Din il-parti tar-rapport tal-Pulizija f'ebda hin ma giet ikkontestata mill-attur, la qabel u lanqas waqt il-kawza.

**15.** Dan il-passagg tar-rapport jindika bic-car li f'xi hin ghadda xi kliem bejn il-konjugi Sciberras waqt il-manuvra inkwistjoni. Di piu' l-attur waqaf biex ikellem lil martu, li kienet bdiet taqsam it-triq li ma kienx ghall-fatt li inqalatilha z-zarbuna. Aktar minn hekk, ciononstante tirrakkonta kif gara l-

incident fl-affidavit taghha (a fol 91) lill-Pulizija qatlu li ma rat xejn mill-incident. Lahqet rat biss lil zewgha mal-art korrut. Presumibilment waqt li kien qed isehh l-incident, hi kienet qed tinnaviga biz-zarbuna.

**16.** Ix-xhieda kollha li waslu fuq il-post kollha jirrakontaw kif semghu lill-mart l-attur tghid li qaltlu biex ma jaqsamx. Susan Saliba li kienet fuq il-mutur tixhed (a fol 126) li:- "Il-mara bdiet tghid xi haga, imma niftakarx. Bdiet tkellem lir-ragel". Jonathan Briffa (a fol 129) jixhed kif semaghha tghid:- "Ghidtlu biex ma jaqbadx u jaqsam." Anke Alexander Borg (a fol 142), li bhal Briffa wasal fuq il-post wara l-incident, isemmi kif anke hu semaghha tghid dawn il-kliem. Kollox jindika, li l-verzjoni tal-attur ma hiex wisq attendibbli, mentri dik tal-konvenut baqghet konsistenti mill-mument li sehh l-incident sa matul il-kawza.

**17.** Ghalhekk din il-Qorti tasal biex taccetta li l-verzjoni tal-konvenut u mhux dik tal-atturi bhala l-aktar wahda veritiera u attendibbli dwar il-mekkanika tal-incident. Dan fuq skorta tal-insenjament ta' sentenzi bhal dik tal-**Qorti tal-Appell tat-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawza fl-ismijiet Middle Sea Insurance p.l.c. nomine vs Victor Sammut** fejn gie ritenut li "f'kaz ta' konflittwalita` l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taccerta ruhha jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet possibbli ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq l-bilanc tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi". Riassunt tal-principji involuti jinsabu fis-**sentenza tal-Prim Awla**

**per il-kompjant Imhallef Gino Camilleri tad-9 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet Dr. Elizabeth Vella-vs-Bieb Bieb Ltd.** F'din is-sentenza intqal hekk:- "Ghalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza ghandu jigi esaminat liema wahda mit-tezijiet konflingenti hi l-aktar attendibbli. Ghandu jigi esaminat jekk xi wahda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi wahda mill-verżjonijiet li allura jista jinghad li hi korroborata. Ghandu jigi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realta' tal-fatti, u kwindi ghandha tigi accettata bhala dik veritiera u attendibbli."

**18.** Ghalhekk, la darba qed tkun accettata l-verzjoni tal-konvenut, din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh tort uniku tal-attur li ghazel jiehu riskju insolitu, li jaqsam minn punt perikoluz meta ftit 'l fuq kien hemm passagg tal-*pedestrians* minn fejn jaqsam. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza deciza fl-**10 ta' Mejju, 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Ransley et vs Edward Restall et** fejn intqal hekk:- "Dwar il-*pedestrian* jinghad li dan ghandu juza l-massimu prudenza meta jigi biex jaqsam triq. L-artikoli 20 u 21 tal-*Highway Code* jghidu hekk: "20. *Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise , cross the road where you have a clear view of the roadboth ways*."

**19.** Apparti minn hekk, fil-mument li kien qed jaqsam it-triq, l-attur wera certu indecizjoni hekk kif waqaf f'nofs ta' triq maghrufa ghal kemm hi traffikuza, anke jekk kien il-Hadd, biex ikellem lil martu u f'salt mexa ghan-naha l-ohra tat-triq, li lejha kien lahaq lewa l-konvenut meta haseb li l-attur kien waqaf ghal kollox.

**20.** Ghalhekk il-*pedestrian* ghandu dejjem ikun attent meta juza t-triq u jaghmel l-almu tieghu biex jigu evitati incidenti, anke jekk ghandu d-dritt favur tieghu ahseb u ara meta jkollux, bhal ma jidher fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti illum. (**Ara Formosa & Camilleri Ltd. et noe vs Joseph Camenzuli, Prim'Awla tas-26 ta' April, 2001 u Stefan Bonello vs Carmelo Abela, Prim'Awla tal-21 ta' Ottubru, 2002**).

**21.** Fis-sentenza tal-**Prim Awla tat-28 ta' Ġunju, 2001 fl-ismijiet Joseph Micallef vs Joseph Sammut** gie ritenut illi:- "irid jinghad ukoll li l-utent tat-triq u mhux is-sewwieq biss ghandu wkoll l-obbligi tieghu li jrid josserva sabiex ma johloqx periklu lill-utenti l-ohra tat-triq u fil-fatt irid jipprova li huwa u (hawnhekk il-Qorti kkwotat il-gurista eminent Ingliz Gibb) *used such care for his own safety as a reasonably prudent man would exercise under the same circumstances*". Sentenza ohra dwar l-obbligi ta' l-utent tat-triq kienet dik fl-ismijiet **Rita Calleja vs Joseph Agius, Prim Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Ottubru, 1995** fejn inghad:- "Jekk *pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, id-*driver* li jkun qieghed isuq karozza b'mod regolari

jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subbitaneja minhabba fih, dak id-*driver* m'ghandux jigi tenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri f'dik il-kontingenza."

**22.** F'dik il-kawza bhal dik odjerna, kien hemm *zebra crossing* 103 metru 'l boghod mill-*ispot of impact*. Ir-rikorrent ghazel li ma jinqediex bl-uzu ta' *zebra crossing* izda li jaqsam minn fejn kien ipparkeggja l-vettura tieghu. Ghalhekk hemm somiljanza mal-mertu li ghandha quddiemha din il-Qorti illum.

**23.** Dwar jekk kienx hemm xi xorta ta' negligenza kontributorja da parti tal-konvenut, il-Qorti thoss illi kien l-attur stess li dahal fil-mutur u mhux bil-kuntrarju. Ghar-ragunijiet imsemmija aktar 'l fuq, anke f'dan ir-rigward temmen il-verzjoni tal-konvenut. Anke jekk il-feriti huma huma gravi, fid-dawl li ma kienx hemm marki ta' *brake marks* tant li s-Surgent Charles Azzopardi jixhed li kull ma "kien hemm xi *scratch marks* peress li l-mutur tkaxkar naqra" (a fol 37), ma jistax jinghad li l-konvenut kien miexi b'velocita` eccessiva. Il-gravita` tal-griehi, fic-cirkostanzi ma hiex indikattiva tal-velocita` eccessiva.

*Kontro talba*

**24.** Kwantu ghall-kontro-talba dwar ir-responsabbilta', il-Qorti diga' espremiet lilha nnifisha aktar 'l fuq. Ghalhekk l-ewwel talba ser tkun akkolta. Izda kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali din il-Qorti ghandha

diffikulta` wahda:  il-Qorti fliet bir-reqqa l-process u lanqas sabet il-minimu ta' provi dwar f'hiex jikkonsistu dawn id-danni.  Ghalhekk dawn iz-zewg talbiet ma jistghux jigu milqugha.

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tichad** it-talbiet kollha attrici, filwaqt li **tilqa'** l-ewwel talba rikonvenzjonali u **tichad** it-talbiet rikonvenzjonali l-ohra kollha.

Kwantu ghall-ispejjes, dawk tat-talbiet attrici ghandhom ikunu kollha sopportati mill-attur, mentri dawk tat-talbiet rikonvenzjonali, kwantu zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ikunu a karigu tal-konvenut rikovenzjonant u terz ($^{1}/_{3}$) a karigu tal-attur rikonvenzjonat.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**